# 50 SENA ILU IŻŻANŻNU L-ORĠNI U L-GALLERIJA TAL-KNISJA TAGĦNA

Minn SLIEMIŻ

Fl-għaxar snin bejn l-1930 u 1940 saret ħidma kbira fil-Knisja tagħna. Saru opri li ma jagħmlux għajb lil Knejjes oħra f'pajjiżna, ixjeħ minnha. Inbeda x-xogħol tas-saqaf kollu, żdiedu żewġ Kappelli u l-altari ta' l-irħam tagħhom, inbnew il-Koppla, il-Koppletti tan-navi u fuq kollox il-Faċċata maestuża. Sar ukoll il-famuż Pulptu, il-Linef rikki, Missali tal-fidda, kwadri ġodda, eċċ. Iżda żgur li waħda mill-aqwa opri li saru huma l-Orġni kbir u l-Gallerija li tixraqlu.



Il-gallerija nħadmet mill-artist Sliemiż, l-imgħallem Wenzu Rocco, li kellu l-maħżen tax-xogħol tiegħu fi Triq Viani, fejn ukoll kien joqgħod. Ix-xogħol tagħha nbeda fl-1938, u fil-bidu baqgħet biss miżbugħa; imma wara l-gwerra sarulha d-dekorazzjonijiet u l-induratura minn artist Sliemiż ieħor, Mastru Toninu Cuschieri. Il-gallerija hija biċċa xogħol ta' arti delikata fl-injam, b'disinn mill-isbaħ li joqgħod sew mal-arkitettura tal-Knisja.

Fl-istess żmien bdew jaslu mill-Italja l-kaxxi kbar tal-merkanzija li fihom kien l-Orgni. Dan sar mill-magħrufa Ditta Balbiani-Vegezzi-Bossi ta' Milan. Ftit wara waslu wkoll id-Direttur Tekniku tad-Ditta, niftakru sinjur twil bid-daqna, li għamel ġimgħat sħaħ jara l-ftuħ tal-kaxxi u jimmonta kollox. Imnalla laħaq lestieh, billi f'Settembru 1939 faqqgħet il-gwerra. Ġie mbierek u inawgurat uffiċjalment fl-4 ta' Jannar 1940 quddiem folla nies li mballat il-Knisja kollha. L-Orgni huwa fuq il-mudell "PALESTRINA". Fih 1300 kanna mifruxin fuq 12-il reġistru reali u 12 oħra kumbinati, b'żewġ tastieri ta' 61 nota u pedaljiera bi 30 nota oħra. Jaħdem elettrikament fuq sistema tubolari, bla bżonn ta' intermedjarji. Bil-karatteristiċi foniċi u mekkaniċi li fih, jista' jintuża fl-akkumpanjament ta' Korijiet kbar ukoll f'ambjenti fil-beraħ. Il-Konsoll tiegħu huwa mgħammar b'apparat modern għall-aħħar. Fuqu tista' ssir mużika polifonika u ta' kull xort'oħra. Bla dubju, meta ġie inawgurat ħamsin sena ilu, kien minn ta' l-ewwel li saru bħalu f'pajjiżna. Daqq fuqu għall-ewwel darba il-magħruf mużiċista Sliemiż u Maestro di Cappella tal-Knisja tagħna, is-Surmast Ġużeppi Camilleri.

Fil-gwerra saritlu xi ftit ħsara li ġiet malajr imsewwija fl-1948 minn Patri Davide Grisafi, OFM, ta' Acireale. Fl-1968 imbagħad il-magħruf organista Dun Mikiel D'Amato reġa' daru dawra sewwa. Illum fuq dan l-Orgni sabiħ u l-gallerija tiegħu hemm tiddomina l-

pittura tal-abside li turi t-Tieġ ta' Kana, magħmulha bħal bqija tas-saqaf kollu tal-Knisja tagħna mill-bravu artist, il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi.

Hawn taħt jidher il-Programm kollu li sar għall-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tiegħu, li, kif kien isir sa dak iż-żmien, huwa bit-taljan.

## PROGRAMMA

PARTE I.

Benedizione dell'Organo impartita dal M.R.P. Berardo Tabone O. F. M. *Provinciale*, e Parole d'occasione dal R.P. Tarcisio Xerri O.F.M. *Guardiano*.

1). CAMILLERI (F.) *"Preludio"*
MOZART (W.A.) *"Andante"*
BACH (J.S.) *"Allegretto"*
CHIESA (C.) *"Asisii templi in limine"* — Organo solo

2). GALLETTI (M.) *"Ave Maria"* — Canto
*Tenore*: P. Tarcisio Xerri O.F.M.
*Baritono*: P. Benedetto Ellul O.F.M.

3). BACH (J.S.) *"Fuga"*
CHIESA (C.) *"Pastorale"*
PURCELL (H.) *"Scherzo"*
BOSSI (C.) *"Fatemi la grazia"* — Organo solo

PARTE II.

4). FALCONARA (P.B.) *"L'Immacolata"* — Corale
*Solisti*: P. Tarcisio Xerri O.F.M.
P. Benedetto Ellul O.F.M.

5). CAMILLERI (G.) *"Villereccia"*
MENDELSSOHN (F.B.) *"Andante"*
HANDEL (F.) *"Toccata"*
BEETHOVEN (L.) *"Bagatelle"* — Organo solo

6). PAGELLA (G.) *"Fede, Speranza e Amore"* Canto
P. Tarcisio Xerri O.F.M.

Canto del *Te Deum* e Benedizione Eucaristica impartita dal M.R.P. Berardo Tabone O.F.M. *Provinciale*.

**London Girl Unisex Salon**

141/a, Rudolph Str.,
Sliema.

Tel. 310620

**LUNA BUTCHER**
94, Viani Street, Sliema

Tel: 315385

Irish Beef - New Zealand Lamb - Local Beef - Striploins
T' Bone Steak - U.S.A. Drumsticks - Capons - Chickens
Cuberolls - Local Rabbits - Veal - Streaky Bacon - Local Pork

**J. SCICLUNA BOUTIQUE**

6, MRABAT STREET, SLIEMA.
*All Ages Clothes Wear*